

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Juzgado de lo Social de Madrid — Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 229, p. 9) — Ħaddiem bil-leave tal-mard matul il-perijodu ta' leave annwali stabbilit mill-impriża, minħabba inċident tax-xogħol li seħħ qabel il-leave annwali — Dritt tal-ħaddiem li jieħu l-leave annwali tiegħu matul perijodu differenti

Dispożittiv

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali jew ftehim kollettivi li jipprovd li ħaddiem li jkun bil-leave tal-mard matul il-perijodu tal-leave annwali stabbilit fil-kalendarju tal-leave tal-impriża li magħha huwa impiegat m'għandux dritt, wara li jfleq, igawdi l-leave annwali tiegħu fperijodu differenti minn dak inizjalment stabbilit, jekk ikun hemm bżonn fperijodu differenti mill-perijodu ta' referenza korrispondenti.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 30.08.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-286/08) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttivi 2006/12/KE u 91/689/KEE — Skart perikoluż — Obbligu li jifassal u jiġi adottat pjan għall-immaniġġar tal-iskart perikoluż — Obbligu li jiġi stabbilit netwerk integrat u adegwaw ta' impjanti għar-rimi ta' skart perikoluż — Direttiva 1999/31/KE — Rimi ta' skart perikoluż)

(2009/C 267/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Patakia u J.-B. Laignelot, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: E. Skandalou, aġġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 1(2) u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE, tat-12 ta' Diċembru 1991, fuq skart perikoluż (ĠU L 377, p. 20), u tal-Artikoli 5(1) u (2), 7(2), 4 u 8 tad-Direttiva 2006/12/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p. 9), [li qabel kienet id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-8 ta' Marzu 1991] — Ksur tal-Artikoli 3(1), 6 sa 9, 13 u 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KEE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart fterraferma [f'miżbla] (ĠU L 182, p. 1) — Nuqqas milli jifassal pjan għall-immaniġġar tal-iskart perikoluż inkonformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u milli jiġi stabbilit netwerk integrat u adegwaw ta' impjanti għar-rimi ta' skart perikoluż — Nuqqas milli jitwettqu l-obbligi fir-rigward tal-immaniġġar u tar-rimi f'miżbla tal-iskart

Dispożittiv

1) Ir-Repubblika Ellenika,

— billi ma fasslitx u ma adottatx, fsterminu raġonevoli, pjan għall-immaniġġar tal-iskart perikoluż inkonformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli u billi ma stabbilixxiet netwerk integrat u adegwaw ta' impjanti għar-rimi ta' skart perikoluż, ikkaratterizzat mill-użu tal-iktar metodi xierqa sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa pubblika,

— billi ma ħaditx il-miżuri neċċesarji kollha sabiex tiżgura, fir-rigward tal-immaniġġar tal-iskart perikoluż, l-observanza tal-Artikoli 4 u 8 tad-Direttiva 2006/12/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart, kif ukoll tal-Artikoli 3(1), 6 sa 9, 13 u 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KEE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart fterraferma [f'miżbla],

naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, fl-ewwel lok, taħt l-Artikoli 1(2) u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE, tat-12 ta' Diċembru 1991, fuq skart perikoluż, moqrija flimkien mal-Artikoli 5(1) u (2), kif ukoll mal-Artikolu 7(1), tad-Direttiva 2006/12, fit-tieni lok, taħt l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/689, moqrija flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4 u 8 tad-Direttiva 2006/12, kif ukoll, fit-tielet lok, taħt l-Artikoli 3(1), 6 sa 9, 13 u 14 tad-Direttiva 1999/31.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 30.08.2008.